MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 686/2003

**Continental Cars Limited**

**Vs**

**James Mangion, Auto Trader Limited u Maria Graziella Mangion ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' disat elef u mitt lira Maltin (Lm9,100), import ta' kambjala minnhom accettata u ffirmata (kopja ta' liema kambjala tinsab annessa mac-citazzjoni u markata Dokument 1);

Illi din il-kambjala skadiet izda baqghet ma thallsitx nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta’ l-artikoli 167–170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' disat elef u mitt lira Maltin (Lm9,100), import ta' kambjala minnhom accettata u ffirmata, liema kambjala skadiet izda baqghet ma thallsitx.

Bl-imghaxijiet kummercjali mis-17 ta' Marzu 2003, data ta' l-iskadenza tal-kambjala, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta Auto Trader Limited li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni kontra taghha tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez kontra l-konvenuta, u tordna illi l-kawza tkompli miexja kontra l-konvenuti l-ohra.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------